**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 6 ta' Lulju, 2017**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Dorianne Grech**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Dorianne Grech detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 127491M akkuzata talli b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

Talli fil-21 ta' Marzu, 2015 u fix-xhur ta' qabel din id-data minn San Giljan u f' diversi bnadi ohra f' dawn il-gzejjer ikkommettiet serq ta' flus kontanti u souvenirs liema serq huwa izjed min elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), ghad-dannu tal-kumpanija Go Banans u Thinking Malta, liema serq huwa aggravat bil-'valur' u bil-'persuna'.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-6 ta' Lulju, 2017 ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha,

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, il-Qorti tiddikjara li ma' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li ghandha fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt illi l-parte civili thallas l-ammont kollu dovut.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268, 279 u 280 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa u tikkundannaha tmintax (18) –il xahar prigunerija li b' applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**MAGISTRAT**